Kunsill Reġjonali Għawdex

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 114/2023**

**Il-Ġimgħa, 27 ta' Jannar, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-6:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsilli Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali tal-Għarb |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali ta' Sannat |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur Edward Said | Kunsill Lokali tan-Nadur |
| Dr Christian Zammit | Kunsill Lokali tax-Xagħra |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Daniel Attard | Kunsill Lokali tal-Għasri |
| Is-Sur Noel Formorsa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Karl Vella | Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv (ADSE) |

**Minuti**

Il-President Dr Samuel Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

**114.1 Talba**

114.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalgħet it-talba tal-bidu.

**114.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

114.2.1 L-ADSE ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġija mibgħuta. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji rispettivi.

114.2.2 Il-President preżenta l-minuti tal-laqgħa 113 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

114.2.3 l-membri approvaw l-minuti hekk kif preżentati.

**114.3 Komunikazzjoni tal-President**

114.3.1 B'referenza għall-punt 113.3.1, il-President spjega li għalkemm id-deadline sabiex jiġi rexxiżż il-kuntratt skada nhar il-15 ta' Jannar 2023, hu kien infurmat li kien hemm progress u għaldaqstant ser jingħata ftit aktar żmien.

114.3.2 L-Uffiċjal Baskal Saliba ser jattendi għal kors għal Data Protection Officer. Dan il-kors ser jsir f'Marzu 2023.

114.3.3 Il-President spjega li kien beda jsir l-Internal Audit min-naħa tad-Diviżżjoni.

114.3.4 Il-President informa lill-membri li l-uffiċjali kienu bdew jaħdmu mill-uffiċċju fil-binja "The Brokerage".

114.3.5 L-offerta tax-xiri tal-post tal-Kunsill għadu qiegħed jiġi evalwat mill-SPD.

114.3.6 Id-dokument tal-offerta għall-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq qiegħed għand l-SPD sabiex jiġi vetted. Meta jitlesta dan il-proċess tkun tista' tiġi ppubblikata l-offerta.

114.3.7 IGCAT - Diane Dodd - President - infurmatna bil-proċedura u spejjeż li hemm sabiex tiġi sottomessa l-applikazzjoni.
Joining Fee Euro20,000.
Bidding Fee Euro25,000.

Kwotazzjoni mingħand ARC Research & Consultancy sabiex jgħinu fit-tħejjija tal-preparazzjoni tal-applikazzjoni tal-Kunsill tammonta għal €12,900 exc VAT. Il-President informa lill-membri li kien kellem lid-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, u minħabba n-natura artistika u li ż-żmien kien limitat, kien tah permess sabiex niproċedu mingħajr il-bżonn li noħorġu sejħa għall-offerti. Il-President spjega wkoll li kien tkellem mal-GRDA u hemm il-possibilita li huma jikkollaboraw magħna u jħalsu parti mill-ispejjeż. Fil-ġimgħat li ġejjin ser ikun hemm aktar diskussjonijiet ma entitajiet minn setturi varji biex nikkollaboraw flimkien.

Il-membri qablu li l-Kunsill għandu jipproċedi b'din l-applikazjoni.

**114.4 Korrispondenza**

114.4.1 Otters ASC - Talba għal għajnuna finanzjarja ta' €1,000 sabiex jiġi ppublikat ktieb dwar l-istorja ta' Otters ASC. Fl-2021 kien sar qbil li tali għajnuna tingħata. Il-launch tal-ktieb ser isir fid-9 ta' Frar 2023. Il-membri qablu.

114.4.2 TriGozo - Talba għal għajnuna finanzjarja għal 2023. Peress li l-ispiża għal din is-sena għada ma kienetx ikkalukalta, ġie maqbul li tali rikjesta tiġi kkunsidrata meta jkolna figura tal-ispejjeż involuti.

114.4.3 Jayne Giordanella - Talba għal għajnuna finanzjarja ta' €15,800 (għas-sena 2024) sabiex twettaq skultura (Art in Public Spaces Programme 2023-2024). Il-membri ma approvawx tali rikjesta.

114.4.4 Gozo Regional Orchestra - Talba għal għajnuna finanzjarja ta' €10,000 sabiex jitella kunċert "In Praise of Music" nhar it-30 ta Marzu 2023. Il-membri ma approvawx tali rikjesta.

114.4.5 Victoria International Arts Festival 2023 - Talba għal għajnuna finanzjarja sabiex f'Ġunju jittellew numru ta kunċerti. L-ispiża totali ser tammonta għal madwar €22,000. Il-President spjega li dawn il-kunċerti huma ta' livell għoli. Il-membri qablu li għanda tingħata għajnuna sa massimu ta' €15,000.

114.4.6 Munxar LC – rikjesta sabiex il-Kunsill Reġjonali japprova u jikkolabora mal-Kunsill Lokali tal-Munxar fuq żewġ proġetti li jaqgħu taħt id-DPF. Il-membri qablu.

114.4.7 Fontana LC - Rikjesta sabiex jinbidel l-iskop tal-użu tal-fondi taħt l-iskema tal-Kunsill Reġjonali "Parks, Gonna u Spazzji Pubblici" u dawn jiġu utilizzati sabiex isir xogħol ta' ristrutturar u tisbieħ fi trejqa residenzjali u pedonali. Il-membri qablu.

**114.5 Materji oħra**

114.5.1 Inħarġet sejħa għal kwotazzjoni għat-tindif tal-ufficċini tal-Kunsill Reġjonali.

114.5.2 Inġabru l-kwotazzjonijiet għal multimedia multifunction printer għall-ufficċju tal-uffiċjali Wara li nġabru diversi kwotazzjonijiet ġie maqbul sabiex tinxtara Kyocera.

114.5.3 Kercem LC - Ħsara kkawżata wara l-maltemp f'Novembru 2022 tammonta għal madwar €18,000. Saret diskussjoni fuq il-materja u ġie maqbul li ser jjingħata ftit aktar żmiem lill-Kunsilli Lokali sabiex min ġarrab xi ħsariet jibgħat lill-Kunsill Reġjonali u wara tittieħed deċiżjoni kif jista' jgħin il-Kunsill.

114.5.4 Skemi RGĦ – Saret diskussjoni rigward l-estensjoni tad-deadlines ta' dawn l-iskemi u ġie maqbul li l-utilizzar tal-fondi tal-iskemi kollha qiegħed jiġi estiż sal-31 ta' Diċembru 2023, u s-sottomissjonijiet tat-talbiet għal-fondi għandhom jaslu għand il-Kunsill sal-31 ta' Jannar 2024.

**114.6 Preżentazzjoni tal-Unaudited Financial Statements 2022**

114.6.1 Il-President ippreżenta l-Unuadited Financial Statements 2022 hekk kif ippreparati mill-accountant tal-Kunsill u mill-ADSE. L-accountant tal-Kunsill ġie mistieden sabiex jagħti spjega ta' dan id-dokument u wara li l-mistoqsijiet tal-membri ġew imwieġba dan id-dokument ġie approvat u ffirmat mil-President u l-ADSE.

114.6.2 L-ADSE informa lill-membri preżenti li d-deadline sabiex jiġi ppreżentat dan id-dokument kienet fl-24 ta' Frar 2023. Għalhekk, minkejja li f'dawn l-aħħar ġimgħat kien

(u għadu għaddej) l-Internal Audit min-naħa tad-Diviżżjoni, dan id-dokument qiegħed jiġi ppreżentat erba' ġimgħat qabel id-deadline.

114.6.3 Il-President ippreżenta r-risposta għall-Management Letter għas-sena 2021 hekk kif imħejjija mill-accountant u mill-ADSE. Din ġiet approvata u ffirmata mill- President u l-ADSE.

**114.7 <u>Preżentazzjoni tal-Quarterly Financial Statements Q4</u>**

114.7.1 Il-President ippreżenta r-Rapport Finanzjaru tar-Raba' Kwart għas-sena 2022 hekk kif ġie mħejji mill-Accountant tal-Kunsill Reġjonali bl-għajnuna tal-ADSE.

114.7.2 L-accountant tal-Kunsill ġie mistieden sabiex jagħti spjega ta' dan id-dokument u wara li l-mistoqsijiet tal-membri ġew imwieġba dan id-dokument ġie approvat u ffirmat mil-President u l-ADSE.

**114.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta' pagamenti</u>**

114.8.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 23/02 li kienet tammonta għal €46,476.37.

**114.9 <u>Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss</u>**

114.9.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-7.30p.m. ta' filgħaxija u ġiet aġġornata *sine die*.

Dr. Samuel Azzopardi
President

Karl Vella
Agent Deputat Segretarju Eżekuttiv